II

(Atti mhux leġiżlattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2021/1768

tat-23 ta' Ġunju 2021

li jemenda, għall-fini tal-adattament tiegħu għall-progress tekniku, l-Annessi I, II, III u IV tar-Regolament (UE) 2019/1009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi regoli dwar it-tpoġġija għad-dispożizzjoni fis-suq ta' prodotti fertilizzanti tal-UE

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2019/1009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Ġunju 2019 li jistabbilixxi regoli dwar it-tpoġġija għad-dispożizzjoni fis-suq ta' prodotti fertilizzanti tal-UE u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 1069/2009 u (KE) Nru 1107/2009 u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 2003/2003 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 42(1) tiegħu,

Billi:

(1) Prodott fertilizzanti, li jissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti fl-Annessi I u II tar-Regolament (UE) 2019/1009 għall-kategorija funzjonali tal-prodott ("PFC") u għall-kategorija tal-materjal komponent ("CMC") rilevanti rispettivament, ikun ittikkettat f'konformità mal-Anness III ta' dak ir-Regolament u jkun għadda b'suċċess mill-proċedura ta' valutazzjoni tal-konformità stabbilita fl-Anness IV tar-Regolament (UE) 2019/1009, wara jkun jista' jiġi mmarkat CE u jkun jista' jiċċaqlaq liberament fis-suq intern bħala prodott fertilizzanti tal-UE.

(2) Ir-Regolament (UE) 2019/1009 jagħti s-setgħa lill-Kummissjoni biex temenda l-Annessi I (parzjalment), II, III u IV tiegħu.

(3) Filwaqt li kienu qed iħejju għat-tranżizzjoni lejn regoli ġodda ta' armonizzazzjoni, kemm l-Istati Membri kif ukoll il-partijiet ikkonċernati interessati infurmaw lill-Kummissjoni dwar il-ħtieġa li jiġu adattati xi wħud mid-dispożizzjonijiet tekniċi fl-Annessi tar-Regolament (UE) 2019/1009. Uħud minn dawk l-emendi huma meħtieġa sabiex tittejjeb il-konsistenza ma' partijiet oħra tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni, u dan jiffaċilita l-aċċess għas-suq intern u l-moviment liberu ta' prodotti fertilizzanti sikuri u agronomikament effiċjenti. Huma meħtieġa xi emendi biex jiġi żgurat il-livell għoli ta' protezzjoni li r-Regolament (UE) 2019/1009 għandu l-għan li jikseb, u b'hekk jiġi żgurat li l-prodotti fertilizzanti tal-UE li jkollhom aċċess għas-suq intern bis-saħħa ta' dak ir-Regolament ma jkunux ta' riskju għas-saħħa, għas-sikurezza jew għall-ambjent. Huma meħtieġa emendi oħra sabiex jiġu evitati sitwazzjonijiet fejn kategoriji sinifikanti ta' prodotti fertilizzanti jiġu eskluży b'mod involontarju mir-regoli ta' armonizzazzjoni. Dawk l-emendi se jiżguraw l-aċċess għas-suq intern għall-prodotti fertilizzanti li jkunu agronomikament effiċjenti, sikuri, u diġà nnegozjati b'mod wiesa' fis-suq.

([1]) ĠU L 170, 25.6.2019, p. 1.

(4) Ir-Regolament (UE) 2019/1009 jistabbilixxi regoli għall-prodotti fertilizzanti tal-UE li jkun fihom sustanza b'valuri tal-limitu massimu ta' residwi għall-ikel u għall-għalf stabbiliti f'konformità mar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 315/93 ([2]), fir-Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]), fir-Regolament (KE) Nru 470/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([4]), jew fid-Direttiva 2002/32/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([5]). Il-manifattur huwa obbligat jagħti struzzjonijiet dwar l-użu biex jiġi żgurat li l-użu maħsub tal-prodott fertilizzanti tal-UE ma jwassalx għall-qbiż tal-valuri tal-limitu massimu għall-ikel u għall-għalf. Barra minn hekk, il-manifattur għandu jinkludi fid-dokumentazzjoni teknika r-riżultati tal-kalkoli li jagħtu prova tal-konformità ma' dan ir-rekwiżit. Fid-diskussjonijiet dwar kif għandu jiġi implimentat dan l-obbligu, jidher ċar li huwa impossibbli għall-manifatturi li jikkonformaw miegħu, u b'hekk il-prodotti fertilizzanti agronomikament effiċjenti, sikuri u diġà nnegozjati b'mod wiesa' ma jistgħux jgħaddu mill-valutazzjoni tal-konformità u jaċċessaw is-suq intern skont ir-Regolament (UE) 2019/1009. Għalhekk, jenħtieġ li dawk l-obbligi jiġu sostitwiti b'obbligi li jkunu aktar proporzjonati u li jistgħu jiġu implimentati f'żewġ aspetti.

(5) L-ewwel nett, il-qbiż ta' dawk il-limiti jew il-livelli massimi fl-għelejjel jista' jiġi evitat billi tingħata informazzjoni korretta lill-utent aħħari fuq it-tikketta. Konsegwentement, jenħtieġ li jiġi emendat ir-Regolament (UE) 2019/1009 sabiex jiġi impost obbligu fuq il-manifattur li jinforma lill-utent aħħari kull meta l-prodott fertilizzanti tal-UE jkun fih materjal komponent li, jekk jitqiegħed fis-suq bħala ikel jew għalf, jaqbeż il-limiti jew il-livelli massimi stabbiliti fir-Regolamenti (KE) Nru 470/2009 jew (KE) Nru 396/2005, f'konformità mar-Regolament (KEE) Nru 315/93, jew fid-Direttiva 2002/32/KE. Barra minn hekk, sabiex jiġi żgurat livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem, tas-saħħa tal-annimali u tal-ambjent fir-rigward tal-addittivi tal-għalf, jenħtieġ li jiżdied ir-Regolament (KE) Nru 1831/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([6]). B'dan il-mod, l-utent aħħari jkun f'pożizzjoni li jieħu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiżgura li l-għalla tkun konformi mar-regoli dwar l-ikel u l-għalf.

(6) It-tieni nett, huma meħtieġa miżuri addizzjonali fir-rigward ta' xi sustanzi farmakoloġikament attivi diġà koperti bir-Regolament (KE) Nru 470/2009. Jenħtieġ li l-approċċ ikun differenti skont jekk din tkunx sustanza permessa elenkata fit-Tabella 1 fl-Anness tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 37/2010 ([7]), u li għaliha seta' ġie stabbilit limitu massimu ta' residwi, jew sustanza mhux permessa b'punt ta' referenza għall-azzjoni stabbilit fir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2019/1871 ([8]). Ir-residwi ta' sustanza permessa jistgħu jkunu preżenti fi prodott fertilizzanti tal-UE biss jekk l-imsemmija sustanza tkun elenkata fit-Tabella 1 fl-Anness tar-Regolament (UE) Nru 37/2010. Madankollu, sustanza farmakoloġikament attiva mhux permessa, li hija aktar perikoluża għas-saħħa tal-konsumatur meta tkun preżenti fl-oġġett tal-ikel, jenħtieġ li lanqas ma tkun preżenti 'l fuq mill-punt ta' referenza għall-azzjoni tagħha fi prodott fertilizzanti tal-UE.

(7) Prodott fertilizzanti tal-UE jista' jkun fih ukoll sustanzi attivi skont it-tifsira tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([9]). Peress li r-Regolament (UE) 2019/1009 ma jkoprix prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, jenħtieġ li jiġi ċċarat fit-test ta' dak ir-Regolament li prodott fertilizzanti tal-UE li jkun fih sustanza attiva ma jridx ikollu funzjoni ta' protezzjoni tal-pjanti skont it-tifsira tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009. Din il-kjarifika hija meħtieġa biex tiġi żgurata l-konsistenza mar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, li se jiffaċilita l-implimentazzjoni tar-regoli ta' armonizzazzjoni kemm mill-operaturi ekonomiċi kif ukoll mill-awtoritajiet nazzjonali, u b'hekk jiffaċilita l-aċċess għas-suq intern abbażi tar-Regolament (UE) 2019/1009.

(8) Ir-Regolament (UE) 2019/1009 fih lista eżawrjenti ta' tipoloġiji għal fertilizzant inorganiku sempliċi bil-mikronutrijenti, kif ukoll id-deskrizzjonijiet korrispondenti u l-kontenut minimu ta' mikronutrijenti tagħhom. Għall-fertilizzant abbażi ta' mikronutrijenti fil-forma ta' mlieħ, 10 % skont il-massa tal-fertilizzant jikkonsisti f'mikronutrijenti li jinħallu fl-ilma. Madankollu, hemm fertilizzanti bbażati fuq l-imlieħ tal-karbonat jew tal-fosfat li għandhom mikronutrijenti li ma jinħallux fl-ilma. Dan ma jaffettwax il-prestazzjoni tagħhom bħala fertilizzanti jew l-assorbiment tan-nutrijenti fl-għalla. Għalhekk, dawn il-fertilizzant abbażi ta' mikronutrijenti fil-forma ta' mlieħ

([2]) Ir-Regolament (KEE) Nru 315/93 tal-Kunsill, tat-8 ta' Frar 1993, li jistabblixxi proċeduri tal-Komunità għall-kontaminanti fl-ikel (ĠU L 37, 13.2.1993, p. 1).

([3]) Ir-Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Frar 2005 dwar il-livelli massimi ta' residwu ta' pestiċidi fi jew fuq ikel u għalf li joriġina minn pjanti u annimali u jemenda d-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE (ĠU L 70, 16.3.2005, p. 1).

([4]) Ir-Regolament (KE) Nru 470/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Mejju 2009 li jistabbilixxi l-proċeduri Komunitarji għall-istabbiliment tal-limiti ta' residwi ta' sustanzi farmakoloġikament attivi fl-oġġetti tal-ikel li joriġinaw mill-annimali, u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2377/90 u li jemenda d-Direttiva 2001/82/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament (KE) Nru 726/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 152, 16.6.2009, p. 11).

([5]) Id-Direttiva 2002/32/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Mejju 2002 dwar sustanzi mhux mixtieqa fl-għalf tal-annimali (ĠU L 140, 30.5.2002, p. 10).

([6]) Ir-Regolament (KE) Nru 1831/2003 tal-Parlament Ewropew u L-Kunsill ta' 22 ta' Settembru 2003 fuq l-additivi għall-użu fl-għalf tal-annimali (ĠU L 268, 18.10.2003, p. 29).

([7]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 37/2010 tat-22 ta' Diċembru 2009 dwar is-sustanzi farmakoloġikament attivi u l-klassifikazzjoni tagħhom fir-rigward tal-limiti massimi ta' residwu fl-oġġetti tal-ikel li ġejjin mill-annimali (ĠU L 15, 20.1.2010, p. 1).

([8]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2019/1871 tas-7 ta' Novembru 2019 dwar il-punti ta' referenza għall-azzjoni b'rabta ma' sustanzi farmakoloġikament attivi li mhumiex permessi li jinsabu f'ikel li joriġina mill-annimali, u li jħassar id-Deċiżjoni 2005/34/KE (ĠU L 289, 8.11.2019, p. 41).

([9]) Ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u li jħassar id-Direttivi tal-Kunsill 79/117/KEE u 91/414/KEE (ĠU L 309, 24.11.2009, p. 1).

jenħtieġ li jitħallew jaċċessaw is-suq intern billi titneħħa l-kundizzjoni dwar it-taħlil fl-ilma. Għall-kelati UVCB ([10]), huma elenkati biss il-kelati tal-ħadid. Madankollu, mikronutrijenti oħra jistgħu jkunu wkoll kelati UVCB u jistgħu jiġu rilaxxati bil-mod fil-pjanti. Il-fertilizzanti b'rilaxx bil-mod huma utli biex jipprevjenu t-tniġġis tan-nutrijenti fil-ħamrija, billi jirrilaxxaw bil-mod il-mikronutrijenti u b'hekk iżidu l-possibbiltajiet tal-assorbiment tagħhom mill-pjanti. Għalhekk, huwa xieraq li dawn il-prodotti niċċa jiġu inklużi fil-kamp ta' applikazzjoni tar-regoli ta' armonizzazzjoni u li jiġi promoss il-moviment liberu tagħhom fis-suq intern.

(9) Ir-Regolament (UE) 2019/1009 jistabbilixxi valuri tal-limitu għall-kontaminanti, inkluż in-nikil, f'materjal għat-tkabbir li jkun prodott fertilizzanti tal-UE, għajr ħamrija *in situ,* b'funzjoni ta' tkabbir tal-pjanti jew tal-faqqiegħ. Ir-Regolament (UE) 2019/1009 jistabbilixxi regoli ta' armonizzazzjoni għal dan it-tip ta' prodott fertilizzanti. Diġà hemm diversi tipi ta' materjali għat-tkabbir fis-suq, abbażi ta' regoli nazzjonali u b'karatteristiċi diversi ħafna, li jistgħu jkunu kandidati biex isiru prodotti fertilizzanti tal-UE. Madankollu, il-valur tal-limitu għan-nikil stabbilit fir-Regolament (UE) 2019/1009 għat-tipi kollha ta' materjali għat-tkabbir joħloq diffikultajiet għal xi materjali għat-tkabbir li jkun fihom biss kostitwenti ta' oriġini minerali. Dawn il-prodotti huma prodotti niċċa li jikkonformaw mal-prinċipji tal-ekonomija ċirkolari u diġà jissodisfaw il-kriterji tal-Ekotikketta tal-UE stabbiliti għall-materjali għat-tkabbir bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/2099 ([11]). F'din id-Deċiżjoni, issir distinzjoni bejn il-materjali minerali għat-tkabbir u kategoriji oħrajn ta' materjali għat-tkabbir fir-rigward tal-metodi tad-determinazzjoni tal-kontenut tal-kontaminanti, inkluż in-nikil. Għalhekk, għall-materjali kollha għat-tkabbir minbarra l-materjali minerali għat-tkabbir, għandu jiġi ddeterminat il-kontenut totali tal-kontaminant, filwaqt li għall-materjali minerali għat-tkabbir għandu jiġi ddeterminat biss il-kontenut bijodisponibbli. Din id-distinzjoni hija ġġustifikata mill-fatt li l-materjali minerali għat-tkabbir normalment jiġu manifatturati f'temperaturi għoljin, u dan jipproduċi rabta kimika b'saħħitha ta' kontaminanti mal-istruttura tal-kostitwenti minerali, li tillimita kemm dawn il-kontaminanti jkunu bijoloġikament disponibbli. Madankollu, din id-distinzjoni ma ssirx fir-Regolament (UE) 2019/1009. Abbażi tal-informazzjoni disponibbli, filwaqt li l-materjali minerali għat-tkabbir disponibbli fis-suq ikunu konformi mal-valur tal-limitu stabbilit għan-nikil fir-Regolament (UE) 2019/1009 jekk jiġi ddeterminat biss il-kontenut bijodisponibbli tal-kontaminant, dawn ma jistgħux jikkonformaw mal-istess limitu jekk għandu jiġi ddeterminat il-kontenut totali, kif inhu meħtieġ bħalissa. Għalhekk, huwa importanti li tiġi żgurata l-konsistenza bejn ir-rekwiżiti għall-markatura CE ta' dawk il-prodotti abbażi tar-Regolament (UE) 2019/1009 u l-applikazzjoni tal-Ekotikketta, sabiex tiġi evitata s-sitwazzjoni mhux intenzjonata fejn prodotti sikuri għall-ambjent, u li għalhekk ikollhom Ekotikketta, ikunu barra mill-kamp ta' applikazzjoni tar-regoli ta' armonizzazzjoni. Għalhekk, il-valur tal-limitu għan-nikil stabbilit fl-Anness I tar-Regolament (UE) 2019/1009, jenħtieġ li japplika biss għall-kontenut bijodisponibbli għall-materjali minerali għat-tkabbir.

(10) Bħala miżura ta' salvagwardja, jenħtieġ li dik ir-regola tapplika biss meta l-użu ta' dawk il-prodotti jkun limitat għal użu professjonali f'applikazzjonijiet ortikulturali, f'soqfa ħodor jew f'ħitan ħodor. Dan jiżgura trattament aħjar u rata ogħla ta' rkupru tal-materjali għat-tkabbir użati, b'possibbiltajiet reali ta' riċiklaġġ tal-materjali wara l-użu. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-manifattur jikkollabora wkoll mal-utent biex jiġi żgurat ir-rimi sikur tal-prodotti ladarba dawn ma jibqgħux jintużaw. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-prodott ma jkollux kuntatt dirett mal-ħamrija, sabiex ma jikkontribwixxix għall-akkumulazzjoni ta' kontaminanti fiha.

(11) Il-prodotti fertilizzanti tal-UE jista' jkun fihom biss materjali komponenti konformi mar-rekwiżiti stabbiliti għal waħda mill-kategoriji tal-materjali komponenti fl-Anness II tar-Regolament (UE) 2019/1009. Il-prodotti fertilizzanti, b'mod partikolari l-fertilizzanti, spiss ikun fihom addittivi tekniċi bbażati fuq il-polimeri, li huma importanti biex jiġu żgurati l-effiċjenza u l-użu sikur tagħhom. Dawk l-addittivi mhuma koperti mill-ebda waħda mill-kategoriji eżistenti tal-materjali komponenti. Madankollu, il-fertilizzanti li jkun fihom dawn l-addittivi huma koperti mir-regoli ta' armonizzazzjoni fir-Regolament (KE) Nru 2003/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([12]). Dawn l-addittivi tekniċi huma, pereżempju, antiagglomeranti li jipprevjenu l-formazzjoni taċ-ċapep, u aġenti għal kontra l-formazzjoni tat-trab li jipprevjenu l-emissjonijiet tat-trab mill-prodott fertilizzanti matul l-applikazzjoni tiegħu. L-antiagglomeranti huma essenzjali għall-effiċjenza fl-użu tan-nutrijenti peress li mingħajr dawn l-aġenti, il-fertilizzant ma jinfirixx b'mod ugwali u għalhekk l-utent aħħari japplika aktar fertilizzant biex jiżgura li dan jilħaq lill-pjanti kollha. L-aġenti għal kontra l-formazzjoni tat-trab huma importanti ħafna wkoll għall-protezzjoni tas-saħħa tal-utenti. Għalhekk, il-polimeri li ma jikkawżaw l-ebda tħassib ambjentali jenħtieġ li jiġu inklużi fost il-materjali komponenti permessi fil-prodotti fertilizzanti skont ir-Regolament (UE) 2019/1009. Dan jiżgura li l-kategoriji sinifikanti ta' prodotti b'effiċjenza agronomika u sikurezza mtejba jibqa' jkollhom aċċess għas-suq intern.

([10]) UVCB: Sustanzi b'kompożizzjoni mhux magħrufa jew varjabbli, prodotti b'reazzjoni kumplessa jew materjali bijoloġiċi.

([11]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/2099 tat-18 ta' Novembru 2015 li tistabbilixxi l-kriterji ekoloġiċi biex tingħata l-Ekotikketta tal-UE għall-materjal tat-tkabbir, is-sustanzi li jtejbu l-ħamrija u l-ħuxlief (ĠU L 303, 20.11.2015, p. 75).

([12]) Ir-Regolament (KE) Nru 2003/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ottubru 2003 dwar il-fertilizzanti (ĠU L 304, 21.11.2003, p. 1).

(12) Sabiex jiġi identifikat liema polimeri ma jikkawżaw l-ebda tħassib ambjentali, huwa xieraq li ssir referenza għall-opinjonijiet xjentifiċi maħruġa mill-Kumitat dwar il-Valutazzjoni tar-Riskji ([13]) u mill-Kumitat għall-Analiżi Soċjoekonomika tal-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([14]), dwar partikoli mikroplastiċi miżjuda intenzjonalment ma' prodotti għall-użu mill-konsumatur jew dak professjonali ta' kwalunkwe tip.

(13) Bl-inklużjoni ta' dawn il-kategoriji tal-polimeri fis-CMC 1 (Sustanzi u taħlitiet minn materjal verġni) u fis-CMC 11 (Prodotti sekondarji fis-sens tad-Direttiva 2008/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([15])), jiġi żgurat ukoll li dawk il-polimeri se jiġu rreġistrati skont ir-Regolament (KE) Nru 1907/2006 b'fajl li jinkludi rapport ta' sikurezza għall-użu tagħhom bħala prodott fertilizzanti. Dan jiżgura li titwettaq valutazzjoni dettaljata ta' kwalunkwe riskju mill-użu ta' dawn l-addittivi fil-prodotti fertilizzanti, u li l-prodotti fertilizzanti mogħtija aċċess għas-suq intern skont din l-emenda b'hekk ikunu sikuri għas-saħħa tal-bniedem u għall-ambjent.

(14) Il-fertilizzanti bil-mikronutrijenti jista' jkun fihom aġenti kelanti jew kumplessanti, li huma sustanzi maħsuba biex itejbu d-disponibbiltà fit-tul tal-mikronutrijenti għall-pjanti.

(15) Ir-Regolament (UE) 2019/1009 jirrikjedi li l-prodotti fertilizzanti li jkun fihom aġenti kelanti jibqgħu stabbli f'soluzzjoni standard ta' Hoagland f'pH 7 u 8 għal mill-inqas tliet ijiem, biex jiġi żgurat li l-mikronutrijenti jiġu rilaxxati bil-mod fil-pjanti. Il-kompożizzjoni tal-ħamrija agrikola u l-varjazzjonijiet fil-pH jistgħu jfixklu l-istabbiltà ta' dawn il-prodotti. Progress tekniku ġdid jippermetti li jiġu vvalutati l-interferenzi potenzjali u li tiġi stabbilita firxa tal-pH fejn il-prodotti jkunu stabbli għal finijiet agrikoli. Abbażi ta' dan ta' hawn fuq, prodott jista' jkun stabbli f'firxa tal-pH għajr il-pH 7 u 8, u xorta jissodisfa l-iskop tiegħu li tiġi żgurata d-disponibbiltà fit-tul tal-mikronutrijenti. Għalhekk, jenħtieġ li r-Regolament (UE) 2019/1009 jiġi emendat biex jippermetti li dawn il-prodotti jkunu stabbli f'firxa tal-pH differenti. B'dan il-mod, ir-regoli ta' armonizzazzjoni japplikaw għal aktar prodotti, li jirrilaxxaw bil-mod il-mikronutrijenti fil-pjanti u b'hekk titnaqqas il-lissija tan-nutrijenti fil-ħamrija. Bħala miżura addizzjonali, il-firxa tal-pH li fiha l-prodotti fertilizzanti tal-UE jkunu stabbli, jenħtieġ li tiġi indikata fuq it-tikketta biex jiġi żgurat li tingħata informazzjoni korretta lill-utent aħħari.

(16) Ir-Regolament (UE) 2019/1009 jirrikjedi d-dikjarazzjoni tal-perċentwal ta' kull mikronutrijent kelat minn kull aġent kelanti u ta' kull mikronutrijent kumplessat minn kull aġent kumplessanti, kif ikun applikabbli. Il-prodotti bil-mikronutrijenti jista' jkun fihom taħlita ta' aġenti kelanti, jew ta' aġenti kumplessanti, jew tat-tnejn. F'każijiet bħal dawn, il-metodi analitiċi disponibbli ma jistgħux jappoġġaw id-determinazzjoni tal-perċentwal eżatt ta' kull mikronutrijent kelat jew kumplessat minn kull aġent individwali. Għalhekk, jenħtieġ li r-Regolament (UE) 2019/1009 jiġi emendat sabiex il-manifattur ikun jista' jikkonforma ma' dawn ir-rekwiżiti tat-tikkettar, u b'hekk jiġi ffaċilitat l-aċċess tiegħu għas-suq intern.

(17) Xi prodotti fertilizzanti, bħall-materjali għat-tkabbir, jużaw il-pit bħala komponent ewlieni. L-inkoraġġiment tal-użu ta' alternattivi għall-pit huwa importanti fil-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima, speċjalment għall-prevenzjoni tat-telfien tal-karbonju u tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra, kif ukoll għall-konservazzjoni tal-ekosistemi fraġli. Il-fibri tal-pjanti jistgħu jintużaw biex jissostitwixxu parzjalment il-pit fil-materjali għat-tkabbir. Madankollu, biex jittejjeb il-potenzjal tal-fibri tal-pjanti mhux ittrattati, dawn għandhom jiġu ttrasformati f'fibri ta' partikoli aktar fini peress li dan itejjeb il-grad ta' bijodegrabbiltà tagħhom, l-interazzjoni tagħhom man-nutrijenti u ż-żamma tal-ilma. Il-kundizzjonament tal-fibri tal-pjanti mhux ipproċessati bl-użu ta' pretrattamenti fiżiċi differenti għall-fini tal-isfibratura jenħtieġ li jiġi inkluż fil-lista eżawrjenti ta' trattamenti fis-CMC 2 (Pjanti, partijiet tal-pjanti u estratti tal-pjanti). Bħala miżura ta' salvagwardja, jenħtieġ li jiżdiedu ċerti restrizzjonijiet mal-metodi tal-ipproċessar, bħat-temperatura massima u l-projbizzjoni tal-addittivi għajr l-ilma.

(18) Is-CMC 3 (Kompost) u s-CMC 5 (Diġestat għajr diġestat tal-għelejjel friski) jistabbilixxu lista eżawrjenti ta' materjali ta' input li jistgħu jintużaw. Dik il-lista tinkludi prodotti derivati msemmija fl-Artikolu 32 tar-Regolament (KE) Nru 1069/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([16]) u prodotti sekondarji mill-annimali li jistgħu jitqiesu bħala organiżmi mejta, f'każijiet fejn punt tat-tmiem fil-katina tal-manifattura jkun ġie ddeterminat f'konformità mat-tielet subparagrafu tal-Artikolu 5(2) ta' dak ir-Regolament.

([13]) RAC ECHA. 2020. Opinjoni dwar fajl tal-Anness XV li tipproponi restrizzjonijiet fuq il-mikroplastiks miżjuda intenzjonalment (ECHA/RAC/RES-O -0000006790-71-01/F).

([14]) Ir-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar ir-reġistrazzjoni, il-valutazzjoni, l-awtorizzazzjoni u r-restrizzjoni ta' sustanzi kimiċi (REACH), li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi, li jemenda d-Direttiva 1999/45/KE u li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 793/93 tal-Kunsill u r-Regolament (KE) Nru 1488/94 tal-Kummissjoni kif ukoll id-Direttiva 76/769/KEE tal-Kunsill u d-Direttivi 91/155/KEE, 93/67/KEE, 93/105/KE u 2000/21/KE tal-Kummissjoni (ĠU L 396, 30.12.2006, p. 1).

([15]) Id-Direttiva 2008/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Novembru 2008 dwar l-iskart u li tħassar ċerti Direttivi (ĠU L 312, 22.11.2008, p. 3).

([16]) Ir-Regolament (KE) Nru 1069/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 li jistabbilixxi regoli tas-saħħa li jirrigwardaw prodotti sekondarji tal-annimali jew derivati minnhom mhux maħsuba għall-konsum mill-bniedem u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1774/2002 (Regolament dwar prodotti sekondarji tal-annimali) (ĠU L 300, 14.11.2009, p. 1).

(19) Ir-Regolament (UE) 2019/1009 jistabbilixxi għall-ewwel darba regoli ta' armonizzazzjoni għall-kompost u għad-diġestat bħala materjali komponenti fil-prodotti fertilizzanti tal-UE. Madankollu, dawn il-materjali huma preżenti fis-suq, abbażi tar-regoli nazzjonali. Bħalissa, il-prodotti sekondarji mill-annimali li ma jistgħux jitqiesu bħala organiżmi mejta (speċjalment id-demel mhux ipproċessat) spiss jintużaw bħala materjali ta' input għall-kompost u għad-diġestat. B'dan il-mod, dawn il-materjali jiġu ttrasformati fi prodotti fertilizzanti b'valur miżjud ekonomiku u ambjentali nett. L-użu tal-eskrement kompost tal-annimali, inkluż id-demel tat-tjur tat-trobbija u d-demel kompost tal-bhejjem, kif ukoll id-diġestat li jkun fih prodotti sekondarji mill-annimali kodiġeriti ma' materjal ta' oriġini mill-pjanti jew mill-annimali, huwa inkluż fil-lista eżawrjenti ta' fertilizzanti, kundizzjonaturi tal-ħamrija u nutrijenti permessi fil-biedja organika fl-Anness I tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 889/2008 ([17]). Għalhekk, huwa xieraq li jingħata aċċess għas-suq intern lil prodotti fertilizzanti li jkun fihom il-kompost jew id-diġestat b'dawn il-prodotti sekondarji mill-annimali bħala materjali ta' input. Dan jiżgura wkoll konsistenza mal-materjali ta' input permessi fis-CMC 12 (Imlieħ tal-fosfat preċipitati u d-derivati tagħhom), fis-CMC 13 (Materjali tal-ossidazzjoni termali u d-derivati tagħhom), kif ukoll fis-CMC 14 (Materjali ta' piroliżi u ta' gassifikazzjoni), li ġew introdotti reċentement.

(20) Is-CMCs 3 u 5 jeskludu wkoll mill-materjali ta' input tagħhom l-organiżmi ħajjin jew mejtin mill-frazzjoni organika tal-iskart muniċipali domestiku mħallat. Għall-kuntrarju, is-CMCs 12, 13 u 14 jeskludu mill-materjali ta' input tagħhom l-organiżmi ħajjin jew mejtin mill-materjali mill-iskart muniċipali mħallat, u mhux biss mill-iskart domestiku. L-objettiv ta' dawk id-dispożizzjonijiet huwa li jitħeġġeġ il-ġbir separat tal-iskart fil-muniċipalitajiet, billi ma jingħatawx opportunitajiet għall-użu tal-iskart imħallat. Ir-raġunament huwa l-istess kemm jekk l-iskart jiġi ġġenerat mill-unitajiet domestiċi kif ukoll minn ristoranti jew minn operaturi oħrajn fil-muniċipalitajiet. Ma hemm l-ebda raġuni biex jiġi pprojbit l-użu tal-iskart domestiku imħallat biss bħala materjal ta' input fil-kompost u fid-diġestat. Għalhekk, biex jiġi żgurat approċċ koerenti u strett lejn l-irkupru tal-iskart muniċipali mħallat u għaldaqstant biex tissaħħaħ il-protezzjoni tal-ambjent, jeħtieġ li d-dispożizzjonijiet fis-CMCs 3 u 5 jiġu allinjati ma' dawk fis-CMCs 12, 13 u 14, li ġew introdotti reċentement.

(21) Ir-Regolament (UE) 2019/1009 jistabbilixxi obbligu għall-manifattur li jelenka fuq it-tikketta l-ingredjenti kollha ta' aktar minn 5 % skont il-piż tal-prodott. Madankollu, l-element li fuqu jiġi applikat il-limitu ta' 5 % jeħtieġ li jiġi adattat għall-karatteristiċi fiżiċi tal-prodott fertilizzanti kkonċernat u għalhekk jeħtieġ li tkun permessa dikjarazzjoni tal-ingredjenti li jirrappreżentaw 5 % tal-volum. Speċjalment fil-każ ta' prodotti fejn il-kwantità tkun indikata skont il-volum, l-elenkar tal-ingredjenti li jirrappreżentaw 5 % tal-volum huwa preferibbli peress li l-piż tal-ingredjenti relattivi skont il-piż tal-prodotti mhux dejjem ikun magħruf. Dan jiffaċilita l-aċċess ta' dawn il-prodotti għas-suq intern. Fir-rigward tal-prodott fertilizzanti tal-UE f'forma likwida, huwa xieraq li jiġu ttikkettati l-ingredjenti ta' aktar minn 5 % skont il-piż xott peress li inkella jista' jkun hemm sitwazzjonijiet fejn l-ilma biss jiġi elenkat bħala ingredjent. Dan jiżgura li l-prodotti jkollhom aċċess għas-suq intern abbażi tar-Regolament (UE) 2019/1009 biss jekk l-utenti jkunu infurmati bix-xieraq dwar l-ingredjenti tagħhom, sabiex ikunu jistgħu jużaw il-prodotti b'mod sikur.

(22) It-tikketta ta' fertilizzant organominerali, ta' fertilizzant inorganiku solidu jew likwidu bil-makronutrijenti u ta' fertilizzant inorganiku bil-mikronutrijenti għandha telenka l-ismijiet u s-simboli kimiċi tal-mikronutrijenti ddikjarati, segwiti mill-ismijiet tal-kontrojoni tagħhom. F'xi każijiet, il-livell dikjarabbli tal-mikronutrijenti jista' jkun preżenti b'mod naturali fil-materjali komponenti tal-prodotti fertilizzanti tal-UE. Dan huwa partikolarment il-każ għall-fertilizzanti minn materjali arrikkiti. Minħabba l-oriġini naturali tagħhom, l-ismijiet tal-kontrojoni għal dawk il-mikronutrijenti mhux dejjem jistgħu jiġu ddeterminati minħabba limitazzjonijiet analitiċi jew tekniċi. Għalhekk, jeħtieġ li tiġi permessa d-dikjarazzjoni tal-mikronutrijenti li ma jiġux miżjuda intenzjonalment mal-prodott fertilizzanti tal-UE, anke jekk il-kontrojoni korrispondenti ma jkunux jistgħu jiġu ddeterminati. Inkella, il-fertilizzanti inorganiċi bil-mikronutrijenti minn materjali arrikkiti ma jkunux jistgħu jiġu kkummerċjalizzati skont ir-Regolament (UE) 2019/1009, peress li l-manifattur ma jkunx jista' jikkonforma ma' dan ir-rekwiżit tat-tikkettar. Barra minn hekk, id-dikjarazzjoni tal-kontenut ta' mikronutrijenti f'fertilizzanti organominerali u inorganiċi bil-makronutrijenti mingħajr il-kontrojoni korrispondenti hija ta' benefiċċju kemm għall-utent aħħari, li jista' jadatta pjan ta' fertilizzazzjoni billi jqis ukoll il-kontenut ta' mikronutrijenti, kif ukoll għall-ambjent, peress li tista' tiġi evitata il-fertilizzazzjoni żejda. L-effiċjenza jew is-sikurezza tal-fertilizzant ma tiġix affettwata mill-esklużjoni tal-kontrojoni mit-tikketta.

(23) Il-manifattur ta' fertilizzant inorganiku solidu bil-makronutrijenti huwa obbligat isemmi fuq it-tikketta l-forma tal-unità fiżika, b'referenza għal waħda mill-erba' forom differenti elenkati fir-Regolament, jiġifieri trab, granuli, prilli u pellets. Madankollu, f'xi każijiet, l-użu ta' waħda biss mill-forom speċifiċi ta' hawn fuq ma jkunx possibbli, peress li l-forma fiżika tal-prodott tgħaqqad flimkien tnejn mill-erba' forom. Għalhekk, sabiex il-manifattur ikun jista' jikkonforma ma' dan ir-rekwiżit tat-tikkettar, jeħtieġ li d-deskrizzjoni tal-unità fiżika ma tkunx limitata għal forma waħda possibbli biss, iżda jeħtieġ li tippermetti wkoll l-użu ta' taħlita ta' formoli. Jeħtieġ li d-definizzjonijiet ta' unità fiżika jkopru t-tipi kollha ta' fertilizzanti u jeħtieġ li ma jirrestriġux it-tqegħid fis-suq ta' prodotti li jikkonformaw b'mod ieħor mar-rekwiżiti fir-Regolament (UE) 2019/1009.

([17]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 889/2008 tal-5 ta' Settembru 2008 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 834/2007 dwar il-produzzjoni organika u t-tikkettar ta' prodotti organiċi fir-rigward tal-produzzjoni, it-tikkettar u l-kontroll organiku (ĠU L 250, 18.9.2008, p. 1).

(24) Ir-Regolament (UE) 2019/1009 jistabbilixxi regoli ta' tolleranza għal kull PFC għall-valuri differenti ddikjarati fuq it-tikketta. Ir-Regolament (UE) 2019/1009 jistabbilixxi kemm tolleranzi negattivi (jenħtieġ li l-valur attwali ma jkunx anqas mill-valur iddikjarat imnaqqas bit-tolleranza negattiva) kif ukoll tolleranzi pożittivi (jiġifieri li l-valur attwali ma jistax ikun ogħla mill-valur iddikjarat miżjud bit-tolleranza rispettiva). Dan huwa partikolarment importanti għad-dikjarazzjoni tan-nutrijenti fejn, sabiex tiġi evitata fertilizzazzjoni baxxa u żejda, il-manifattur irid jiżgura li l-kontenut ta' nutrijenti ddikjarat la jkun anqas u lanqas ogħla mill-valur iddikjarat miżjud bit-tolleranzi.

(25) Uħud mit-tolleranzi stabbiliti għall-fertilizzanti inorganiċi huma dojoq ħafna minħabba l-kapaċitajiet tekniċi eżistenti. Dan huwa speċjalment il-każ għan-nutrijenti ddikjarati fejn il-kontenut tan-nutrijent jista' jkun relattivament baxx meta mqabbel mal-prodott kollu. Kontenut baxx ta' nutrijenti jfisser li d-devjazzjoni tal-valur iddikjarat tiegħu hija żgħira wkoll, peress li hija ddikjarata bħala perċentwal tal-kontenut tan-nutrijenti. Għalhekk, it-tolleranzi għal xi wħud mir-rekwiżiti għall-fertilizzanti inorganiċi jenħtieġ li jitwessgħu biex jiġi żgurat bilanċ ġust bejn il-kapaċitajiet tekniċi tal-manifattur u l-ħtieġa li tingħata informazzjoni korretta lill-utent aħħari.

(26) Barra minn hekk, it-tolleranza f'termini assoluti għall-kontenut ta' karbonju organiku fit-tejjieb tal-ħamrija jenħtieġ li titwessa' wkoll. It-tejjieba tal-ħamrija jista' jkollhom kontenut sinifikanti ta' karbonju organiku, li minnu nnifsu mhuwiex problematiku, peress li fil-fatt il-karbonju organiku jtejjeb il-kwalità tal-ħamrija billi jarrikkixxi l-kontenut ta' materjal organiku tagħha. F'każijiet bħal dawn, il-possibbiltà ta' devjazzjoni f'termini assoluti ta' punt perċentwali wieħed biss hija restrittiva ħafna. Għalhekk, huwa xieraq li tkun permessa devjazzjoni akbar f'termini assoluti filwaqt li tinżamm id-devjazzjoni relattiva eżistenti.

(27) Jenħtieġ li jiżdiedu t-tolleranzi għall-kwantità ta' bijostimulant tal-pjanti u ta' taħlita ta' prodotti fertilizzanti, peress li din l-informazzjoni hija meħtieġa li tingħata fuq it-tikketta. Għal taħlita ta' prodotti fertilizzanti, jenħtieġ li ssir distinzjoni bejn it-taħlita li tħallat żewġ prodotti fertilizzanti tal-UE, meta l-proporzjon ta' kull wieħed minnhom fit-taħlita jkun jista' jiġi ddeterminat, u għalhekk medja tat-tolleranzi diġà stabbiliti għal kull wieħed skont il-proporzjon tagħhom fit-taħlita tkun tista' tiġi kkalkolata u applikata għat-taħlita kollha u għat-taħlita funzjonali, u meta l-istess materjal jgħaddi mill-valutazzjoni tal-konformità għal żewġ prodotti fertilizzanti tal-UE li jappartjenu għal żewġ PFCs differenti u ma jkunx jista' jiġi ddeterminat b'mod oġġettiv il-proporzjon ta' kull wieħed fit-taħlita. Fil-każ ta' dan tal-aħħar, it-tolleranza aktar stretta għall-kwantità tal-PFCs komponenti jenħtieġ li tiġi applikata għat-taħlita kollha. Fil-fatt, il-manifattur irid jagħti prova tal-konformità mar-rekwiżiti ta' kull PFC u dan jinkludi indikazzjoni tal-kwantità ta' kull PFC f'konformità mat-tolleranza korrispondenti tagħha. Peress li kull PFC tirrappreżenta 100 % tat-taħlita f'dan il-każ partikolari, allura t-taħlita kollha kemm hi se jkollha tirrispetta t-tolleranza aktar stretta.

(28) Abbażi tar-Regolament (UE) 2019/1009, hemm erba' proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità applikabbli għall-prodotti fertilizzanti tal-UE, b'livelli differenti ta' kumplessità skont is-CMC(s) tagħhom u l-PFC: il-Moduli A, A1, B +C u D1.

(29) Il-Modulu D1 ġie adattat sabiex jirrifletti l-aspetti speċifiċi tal-prodotti fertilizzanti tal-UE derivati mill-iskart. Manifattur jista' japplika l-Moduli B+C meta jivvaluta l-konformità ta' inibitur (PFC 5) jew ta' bijostimulant tal-pjanti (PFC 6), irrispettivament mill-materjali komponenti tagħhom. Għalhekk, bħala effett involontarju tal-abbozzar tal-Anness IV tar-Regolament (UE) 2019/1009, xejn ma jista' jipprevjeni l-applikazzjoni tal-Moduli B+C, anke fil-każ tal-valutazzjoni ta' inibitur jew ta' bijostimulant tal-pjanti li jkun fih materjali komponenti li għalihom il-Modulu D1 aktar strett ikun obbligatorju. Huwa xieraq li tiġi applikata proċedura stretta ta' valutazzjoni tal-konformità kull meta prodott fertilizzanti tal-UE jkun fih materjali komponenti dderivati mill-iskart, irrispettivament mill-PFC tiegħu. Għalhekk, sabiex jiġi żgurat livell għoli u konsistenti ta' protezzjoni, jenħtieġ li l-Moduli B+C jitħallew għall-inibituri u għall-bijostimulanti tal-pjanti biss meta dawn ma jkunx fihom dawn il-materjali komponenti.

(30) Meta jsegwi l-proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità, il-manifattur għandu jagħti informazzjoni fid-dokumentazzjoni teknika dwar, fost affarijiet oħra, il-kromu totali kull meta dan ikun ogħla minn 200 mg/kg. Ir-Regolament (UE) 2019/1009 ma jindikax jekk dan il-limitu għandux jiġi applikat għall-materja niexfa jew għall-materja friska. Dan l-obbligu ma jistax jiġi ssodisfat b'mod uniformi fl-Unjoni jekk ma jkunx ċar kif jenħtieġ li jiġu kkalkolati l-200 mg/kg. Meta jistabbilixxi l-valuri tal-limitu għall-kontaminanti, inkluż il-kromu eżavalenti (Cr VI), ir-Regolament (UE) 2019/1009 iqis il-materja niexfa. Għalhekk, għal raġunijiet ta' koerenza, jenħtieġ li l-kontenut ta' kromu totali jiġi kkalkolat b'referenza għall-materja niexfa.

(31) Saru konsultazzjonijiet dwar l-emendi fir-Regolament (UE) 2019/1009 f'konformità mal-prinċipji stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet ([18]). Ġie kkonsultat il-grupp ta' esperti tal-Kummissjoni dwar il-prodotti fertilizzanti.

([18]) Il-Ftehim Interistituzzjonali bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet (ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1).

(32) Minħabba li r-rekwiżiti stabbiliti fl-Annessi I, II, III u IV tar-Regolament (UE) 2019/1009 għandhom japplikaw b'effett mis-16 ta' Lulju 2022, jeħtieġ li l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament tiġi ddifferita għall-istess data,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (UE) 2019/1009 huwa emendat kif ġej:

(1) l-Anness I huwa emendat f'konformità mal-Anness I ta' dan ir-Regolament;

(2) l-Anness II huwa emendat f'konformità mal-Anness II ta' dan ir-Regolament;

(3) l-Anness III huwa emendat f'konformità mal-Anness III ta' dan ir-Regolament;

(4) l-Anness IV huwa emendat f'konformità mal-Anness IV ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mis-16 ta' Lulju 2022.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri f'konformità mat-Trattati.

Magħmul fi Brussell, it-23 ta' Ġunju 2021.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS I

Il-Parti II tal-Anness I tar-Regolament (UE) 2019/1009 hija emendata kif ġej:

(1) il-punt 5 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"5. Ir-residwi ta' sustanza farmakoloġikament attiva fis-sens tar-Regolament (KE) Nru 470/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill * jistgħu jkunu preżenti fi prodott fertilizzanti tal-UE biss jekk dik is-sustanza tkun jew:

— inkluża fit-Tabella 1 tal-Anness tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 37/2010 **, jew

— kellha punt ta' referenza għal azzjoni stabbilit f'konformità mar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2019/1871 ***, u s-sustanza jew ir-residwi tagħha jkunu preżenti fil-prodott fertilizzanti tal-UE f'livell taħt dak il-punt ta' referenza.';

* Ir-Regolament (KE) Nru 470/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Mejju 2009 li jistabbilixxi l-proċeduri Komunitarji għall-istabbiliment ta' limiti ta' residwi ta' sustanzi farmakoloġikament attivi fl-oġġetti tal-ikel li joriġinaw mill-annimali, u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2377/90 u li jemenda d-Direttiva 2001/82/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament (KE) Nru 726/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 152, 16.6.2009, p. 11).

** Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 37/2010 tat-22 ta' Diċembru 2009 dwar is-sustanzi farmakoloġikament attivi u l-klassifikazzjoni tagħhom fir-rigward tal-limiti massimi ta' residwu fl-oġġetti tal-ikel li ġejjin mill-annimali (ĠU L 15, 20.1.2010, p. 1).

*** Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2019/1871 tas-7 ta' Novembru 2019 dwar il-punti ta' referenza għall-azzjoni b'rabta ma' sustanzi farmakoloġikament attivi li mhumiex permessi li jinsabu f'ikel li joriġina mill-annimali, u li jħassar id-Deċiżjoni 2005/34/KE (ĠU L 289, 8.11.2019, p. 41).

(2) jiddaħħal il-punt 5a li ġej:

"5a. Prodott fertilizzanti tal-UE jista' jkun fih sustanza attiva fis-sens tal-Artikolu 2(2) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009 biss jekk dak il-prodott fertilizzanti tal-UE ma jkollux funzjoni ta' protezzjoni tal-pjanti fis-sens tal-Artikolu 2(1) ta' dak ir-Regolament.';

(3) fit-tabella tal-punt 2 ta' PFC 1(C)(II)(a):

(a) ir-ringiela li tikkonċerna t-tipoloġija "Fertilizzant b'mikronutrijenti fil-forma ta' melħ" hija sostitwita b'dan li ġej:

"Fertilizzant b'mikronutrijenti fil-forma ta' melħ	Fertilizzant inorganiku solidu sempliċi b'mikronutrijenti li jkun inkiseb b'mezzi kimiċi u li jkollu bħala l-ingredjent essenzjali tiegħu melħ minerali f'forma jonika	10 % skont il-massa ta' fertilizzant b'mikronutrijenti fil-forma ta' melħ għandu jikkonsisti minn mikronutrijent"

(b) ir-ringiela li tikkonċerna t-tipoloġija "Kelati ta' ħadid UVCB" hija sostitwita b'dan li ġej:

"Mikronutrijenti kelati UVCB ([5])	Fertilizzant inorganiku sempliċi b'mikronutrijenti solubbli fl-ilma li jkollu l-mikronutrijent dikjarat ikkombinat b'mod kimiku ma' aġent(i) kelanti li jissodisfa(w) ir-rekwiżiti ta' CMC 1 fil-Parti II tal-Anness II	— 5 % skont il-massa ta' mikronutrijenti kelati UVCB għandu jikkonsisti minn mikronutrijent solubbli fl-ilma, u tal-anqas 80 % tal-mikronutrijent solubbli fl-ilma għandu jkun kelat (frazzjoni kelata) u tal-anqas 50 % tal-mikronutrijent solubbli fl-ilma għandu jkun kelat permezz ta' aġenti kelanti speċifiċi li jissodisfaw r-rekwiżiti ta' CMC 1 fil-Parti II tal-Anness II

([5]) (5) UVCB: Sustanza b'kompożizzjoni mhux magħrufa jew varjabbli, prodotti b'reazzjoni kumplessa jew materjali bijoloġiċi.";

(4) f'PFC 3(B), jiżdied il-punt 4 li ġej:

"4. Il-patoġeni f'tejjieb inorganiku tal-ħamrija li jkun fih aktar minn 1 % skont il-massa ta' karbonju organiku (C_{org}) ma jridux jaqbżu l-limiti stabbiliti fit-tabella li ġejja:

Mikroorganiżmi li għandhom jiġu ttestjati	**Pjanijiet ta' teħid ta' kampjuni**			**Limitu**
	n	**c**	**m**	**M**
Salmonella spp.	5	0	0	Nuqqas f'25 g jew f'25 ml
Escherichia coli jew *Enterococcaceae*	5	5	0	1 000 f'1 g jew f'1 ml

Fejn:

n = għadd ta' kampjuni għall-ittestjar,

c = għadd ta' kampjuni fejn l-għadd ta' batterji espress f'CFU jkun bejn m u M,

m = il-valur limitu għall-għadd ta' batterji espress f'CFU li huwa kkunsidrat sodisfaċenti,

M = il-valur massimu tal-għadd ta' batterji espress f'CFU.";

(5) f'PFC 4, jiddaħħal il-punt 2a li ġej:

"2a. B'deroga mill-punt 2(d), il-valur ta' limitu għan-nikil (Ni) f'materjal għat-tkabbir magħmul totalment minn kostitwenti minerali u offrut għall-użu professjonali fl-ortikultura, fis-soqfa ħodor jew fil-ħitan ħodor, għandu japplika għall-kontenut bijodisponibbli tal-kontaminant.".

ANNESS II

Il-Parti II tal-Anness II tar-Regolament (UE) 2019/1009 hija emendata kif ġej:

(1) CMC 1 hija emendata kif ġej:

(a) il-punt 1(f) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(f) polimeri, għajr:

— polimeri li jkunu r-riżultat ta' proċess ta' polimerizzazzjoni li jkun seħħ fin-natura, indipendentement mill-proċess ta' estrazzjoni li bih dawn ikunu ġew estratti, u li ma jkunux ġew immodifikati b'mod kimiku fis-sens tal-Artikolu 3(40) tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006,

— polimeri bijodegradabbli, jew

— polimeri b'solubbiltà fl-ilma ogħla minn 2 g/L fil-kundizzjonijiet li ġejjin:

— temperatura ta' 20^0 C

— pH 7

— tagħbija: 10 g/1 000 mL

— żmien tat-test: 24 siegħa,";

(b) fil-punt 3(a), l-aħħar sentenza hija sostitwita b'dan li ġej:

"Il-prodott fertilizzanti tal-UE għandu jibqa' stabbli għal mill-inqas tlett ijiem f'soluzzjoni li jkollha kwalunkwe pH fil-firxa dikjarata bħala li tiggarantixxi stabbiltà aċċettabbli.";

(2) f'CMC 2, l-ewwel paragrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Prodott fertilizzanti tal-UE jista' jkun fih pjanti, partijiet tal-pjanti jew estratti tal-pjanti li ma jkunu għaddew minn ebda proċess ieħor ħlief il-qtugħ, it-tħin, il-maċinazzjoni, it-tgħarbil, it-tnaqqih, iċ-ċentrifugazzjoni, l-ippressar, it-tnixxif, it-trattament bl-iffriżar, il-lijofilizzazzjoni, l-estrazzjoni bl-ilma, l-estrazzjoni superkritika ta' CO_2, jew l-isfibratura f'temperatura ta' mhux aktar minn 100 °C u mingħajr ebda addittiv għajr l-ilma.";

(3) CMC 3 hija emendata kif ġej:

(a) il-punt 1(b) jitħassar;

(b) il-punt 1(c) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(c) organiżmi ħajjin jew mejtin jew partijiet minnhom, li ma jkunux ipproċessati jew li jkunu pproċessati biss b'mezzi manwali, mekkaniċi jew gravitazzjonali, billi jinħallu fl-ilma, bit-tagħwim, bl-estrazzjoni bl-ilma, bid-distillazzjoni tal-fwar jew bit-tisħin esklussivament biex jitneħħa l-ilma, jew li jiġu estratti mill-arja bi kwalunkwe mezz, ħlief:

(i) materjali li joriġinaw minn skart muniċipali mħallat,";

(ii) ħama tad-drenaġġ, ħama industrijali jew ħama mit-tħammil, u

(iii) prodotti sekondarji mill-annimali jew prodotti derivati li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1069/2009.";

(c) fil-punt 1(e), il-kliem introduttorju huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(e) kwalunkwe materjal elenkat fil-punti (a) jew (c) jew fil-punt 1a li:";

(d) jiddaħħal il-punt 1a li ġej:

"1a. Minkejja l-punt 1, prodott fertilizzanti tal-UE jista' jkun fih kompost miksub permezz ta' kompostjar aerobiku tal-materjali fil-Kategorija 2 jew fil-Kategorija 3 jew ta' prodotti dderivati minnhom, f'konformità mal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 32(1) u (2) u fil-miżuri msemmija fl-Artikolu 32(3) tar-Regolament (KE) Nru 1069/2009, waħdu jew imħallat mal-materjali ta' input imsemmija fil-punt 1, sakemm:

(a) il-punt aħħari fil-katina tal-manifattura jkun ġie ddeterminat f'konformità mat-tielet subparagrafu tal-Artikolu 5(2) tar-Regolament (KE) Nru 1069/2009, u

(b) jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet fil-punti 2 u 3.";

(e) il-punt 2(a) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(a) fejn il-linji ta' produzzjoni għall-ipproċessar ta' materjali ta' input imsemmija fil-punti 1 u 1a huma sseparati b'mod ċar mil-linji ta' produzzjoni għall-ipproċessar ta' materjali ta' input għajr dawk imsemmija fil-punti 1 u 1a, u";

(4) CMC 5 hija emendata kif ġej:

(a) il-punt 1(b) jitħassar;

(b) il-punt 1(c) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(c) organiżmi ħajjin jew mejtin jew partijiet minnhom li ma jkunux proċessati jew li jkunu pproċessati biss b'mezzi manwali, mekkaniċi jew gravitazzjonali, billi jinħallu fl-ilma, bit-tagħwim, bl-estrazzjoni bl-ilma, bid-distillazzjoni tal-fwar jew bit-tisħin esklussivament biex jitneħħa l-ilma, jew li jiġu estratti mill-arja bi kwalunkwe mezz, ħlief:

(i) materjali li joriġinaw minn skart muniċipali mħallat,";

(ii) ħama tad-drenaġġ, ħama industrijali jew ħama mit-tħammil,

(iii) prodotti sekondarji mill-annimali jew prodotti derivati li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1069/2009.";

(c) fil-punt 1(e), il-kliem introduttorju huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(e) kwalunkwe materjal elenkat fil-punti (a) jew (c) jew fil-punt 1a li:";

(d) jiddaħħal il-punt 1a li ġej:

"1a. Minkejja l-punt 1, prodott fertilizzanti tal-UE jista' jkun fih diġestat miksub permezz ta' diġestjoni anaerobika tal-materjali fil-Kategorija 2 jew fil-Kategorija 3 jew ta' prodotti dderivati minnhom, f'konformità mal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 32(1) u (2) u fil-miżuri msemmija fl-Artikolu 32(3) tar-Regolament (KE) Nru 1069/2009, waħdu jew imħallat mal-materjali ta' input imsemmija fil-punt 1, sakemm:

(a) il-punt aħħari fil-katina tal-manifattura jkun ġie ddeterminat f'konformità mat-tielet subparagrafu tal-Artikolu 5(2) tar-Regolament (KE) Nru 1069/2009, u

(b) jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet fil-punti 2 u 3.";

(e) il-punt 2(a) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(a) fejn il-linji ta' produzzjoni għall-ipproċessar ta' materjali ta' input imsemmija fil-punti 1 u 1a huma sseparati b'mod ċar mil-linji ta' produzzjoni għall-ipproċessar ta' materjali ta' input għajr dawk imsemmija fil-punti 1 u 1a, u";

(5) f'CMC 11, il-punt 1(b) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(b) polimeri, għajr:

— polimeri li jkunu r-riżultat ta' proċess ta' polimerizzazzjoni li jkun seħħ fin-natura, indipendentement mill-proċess ta' estrazzjoni li bih dawn ikunu ġew estratti, u li ma jkunux ġew immodifikati b'mod kimiku fis-sens tal-Artikolu 3(40) tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006,

— polimeri bijodegradabbli, jew

— polimeri b'solubbiltà fl-ilma ogħla minn 2 g/L fil-kundizzjonijiet li ġejjin:

— temperatura ta' 20^0 C

— pH 7

— tagħbija: 10 g/1 000 mL

— żmien tat-test: 24 siegħa,".

ANNESS III

L-Anness III tar-Regolament (UE) 2019/1009 huwa emendat kif ġej:

(1) il-Parti I hija emendata kif ġej:

(a) il-punt 1(h) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(h) lista tal-ingredjenti kollha ta' aktar minn 5 % skont il-piż jew il-volum tal-prodott, jew fil-każ tal-prodotti f'forma likwida skont il-piż niexef, f'ordni dekrexxenti ta' kobor, inkluż id-dežinjazzjonijiet tas-CMCs rilevanti kif imsemmi fil-Parti I tal-Anness II għal dan ir-Regolament. Meta l-ingredjent ikun sustanza jew taħlita, dan għandu jiġi identifikat f'konformità mal-Artikolu 18 tar-Regolament (KE) Nru 1272/2008. Is-sustanzi li jseħħu fin-natura jistgħu jiġu identifikati mill-ismijiet tal-minerali tagħhom.";

(b) il-punt 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"3. Fejn il-prodott fertilizzanti tal-UE jkollu fih materjal komponent li, kieku tqiegħed fis-suq bħala ikel jew għalf, kien ikun soġġett għal limiti massimi ta' residwi stabbiliti skont ir-Regolament (KE) Nru 470/2009 jew ir-Regolament (KE) Nru 1831/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill *, għal livelli massimi ta' residwi stabbiliti f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill **, jew għal livelli massimi stabbiliti skont ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 315/93 *** jew id-Direttiva 2002/32/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ****, u dak il-materjal komponent ikollu fih sustanza li taqbeż il-valur(i) limitu korrispondenti (jew wieħed minnhom), għandha tiġi indikata l-konċentrazzjoni massima ta' dik is-sustanza fil-prodott fertilizzanti tal-UE, flimkien ma' twissija li l-prodott fertilizzanti tal-UE ma jridx jintuża b'tali mod li jirriskja li jwassal għall-qbiż ta' dak il-limitu fl-ikel jew fl-għalf.;

* Ir-Regolament (KE) Nru 1831/2003 tal-Parlament Ewropew u L-Kunsill ta' 22 ta' Settembru 2003 fuq l-additivi għall-użu fl-għalf tal-annimali (ĠU L 268, 18.10.2003, p. 29).

** Ir-Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Frar 2005 dwar il-livelli massimi ta' residwu ta' pestiċidi fi jew fuq ikel u għalf li joriġina minn pjanti u annimali u jemenda d-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE (ĠU L 70, 16.3.2005, p. 1).

*** Ir-Regolament (KEE) Nru 315/93 tal-Kunsill, tat-8 ta' Frar 1993, li jistabblixxi proċeduri tal-Komunità għall-kontaminanti fl-ikel (ĠU L 37, 13.2.1993, p. 1).

**** Id-Direttiva 2002/32/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Mejju 2002 fuq sustanzi mhux mixtieqa fl-għalf tal-annimali (ĠU L 140, tat-30.5.2002, p. 10)".

(c) il-punt 7 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"7. Fejn il-prodott fertilizzanti tal-UE jkun fih materjal għat-tkabbir kif imsemmi fil-punt 2a ta' PFC 4 fil-Parti II tal-Anness I, jew ikun fih polimeru bl-iskop ta' materjal li jorbot fil-prodott kif imsemmi fil-punt 1(c) ta' CMC 9 fil-Parti II tal-Anness II, l-utent għandu jingħata struzzjoni biex ma jużax il-prodott f'kuntatt mal-ħamrija u, f'kollaborazzjoni mal-manifattur, biex jiżgura r-rimi kif xieraq tal-prodotti wara li jintemm l-użu.";

(2) il-Parti II hija emendata kif ġej:

(a) fil-punt 5 ta' PFC 1(B):

(i) is-subpunt (a) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(a) indikazzjoni tal-ismijiet u s-simboli kimiċi tal-mikronutrijenti dikjarati, elenkati fl-ordni li ġejja: boron (B), kobalt (Co), ram (Cu), ħadid (Fe), manganiż (Mn), molibdenu (Mo) u żingu (Zn), segwiti mill-ismijiet tal-kontrojoni tagħhom meta l-mikronutrijenti dikjarati jiżdiedu intenzjonalment;";

(ii) is-subpunt (c) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(c) fejn il-mikronutrijenti dikjarati jkunu kelati b'aġent(i) kelanti jew kumplessati b'aġent(i) kumplessanti:

— il-kwalifikatur li ġej, kif ikun applikabbli, wara l-isem u l-identifikatur kimiku tal-mikronutrijent:

"kelat permezz ta' [isem tal-aġent(i) kelanti jew l-abbrevjazzjoni tiegħu (tagħhom)]"/"kumplessat permezz ta' [isem tal-aġent(i) kumplessanti jew l-abbrevjazzjoni tiegħu (tagħhom)]"/"kelat permezz ta' [isem tal-aġent(i) kelanti jew l-abbrevjazzjoni tiegħu (tagħhom)] u kumplessat permezz ta' [isem tal-aġent(i) kumplessanti jew l-abbrevjazzjoni tiegħu (tagħhom)]";

— l-ammont ta' mikronutrijent(i) kelat(i)/kumplessat(i) bħala % skont il-massa;";

(iii) jiddaħħal is-subpunt (ca) li ġej:

"(ca) fejn il-mikronutrijenti dikjarati jkunu kelati b'aġent(i) kelanti, il-firxa tal-pH li tiggarantixxi stabbiltà aċċettabbli;";

(iv) is-subpunt (d) jitħassar;

(b) f'PFC 1(C)(I)(a):

(i) il-punt 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"3. Il-forma tal-unità fiżika tal-prodott għandha tiġi indikata b'waħda, jew b'taħlita ta' tnejn jew aktar, minn dawn:

(a) granuli,

(b) griebeb,

(c) trab, fejn tal-anqas 90 % skont il-massa tal-prodott ikun jista' jgħaddi minn għarbiel b'malja ta' 1 mm, jew

(d) prilli,";

(ii) fil-punt 8:

— is-subpunt (a) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(a) indikazzjoni tal-ismijiet u s-simboli kimiċi tal-mikronutrijenti dikjarati, elenkati fl-ordni li ġejja: boron (B), kobalt (Co), ram (Cu), ħadid (Fe), manganiż (Mn), molibdenu (Mo) u żingu (Zn), segwiti mill-ismijiet tal-kontrojoni tagħhom meta l-mikronutrijenti dikjarati jiżdiedu intenzjonalment;";

— is-subpunt (c) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(c) fejn il-mikronutrijenti dikjarati jkunu kelati b'aġent(i) kelanti jew kumplessati b'aġent(i) kumplessanti:

— il-kwalifikatur li ġej, kif ikun applikabbli, wara l-isem u l-identifikatur kimiku tal-mikronutrijent:

"kelat permezz ta' [isem tal-aġent(i) kelanti jew l-abbrevjazzjoni tiegħu (tagħhom)]"/"kumplessat permezz ta' [isem tal-aġent(i) kumplessanti jew l-abbrevjazzjoni tiegħu (tagħhom)]"/"kelat permezz ta' [isem tal-aġent(i) kelanti jew l-abbrevjazzjoni tiegħu (tagħhom)] u kumplessat permezz ta' [isem tal-aġent(i) kumplessanti jew l-abbrevjazzjoni tiegħu (tagħhom)]";

— l-ammont ta' mikronutrijent(i) kelat(i)/kumplessat(i) bħala % skont il-massa;";

— jiddaħħal is-subpunt (ca) li ġej:

"(ca) fejn il-mikronutrijenti dikjarati jkunu kelati b'aġent(i) kelanti, il-firxa tal-pH li tiggarantixxi stabbiltà aċċettabbli;";

— jitħassar is-subpunt (d);

(c) fil-punt 6 ta' PFC 1(C)(I)(b):

(i) is-subpunt (a) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(a) indikazzjoni tal-ismijiet u s-simboli kimiċi tal-mikronutrijenti dikjarati, elenkati fl-ordni li ġejja: boron (B), kobalt (Co), ram (Cu), ħadid (Fe), manganiż (Mn), molibdenu (Mo) u żingu (Zn), segwiti mill-ismijiet tal-kontrojoni tagħhom meta l-mikronutrijenti dikjarati jiżdiedu intenzjonalment;";

(ii) is-subpunt (c) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(c) fejn il-mikronutrijenti dikjarati jkunu kelati b'aġent(i) kelanti jew kumplessati b'aġent(i) kumplessanti:

— il-kwalifikatur li ġej, kif ikun applikabbli, wara l-isem u l-identifikatur kimiku tal-mikronutrijent:

"kelat permezz ta' [isem tal-aġent(i) kelanti jew l-abbrevjazzjoni tiegħu (tagħhom)]"/"kumplessat permezz ta' [isem tal-aġent(i) kumplessanti jew l-abbrevjazzjoni tiegħu (tagħhom)]"/"kelat permezz ta' [isem tal-aġent(i) kelanti jew l-abbrevjazzjoni tiegħu (tagħhom)] u kumplessat permezz ta' [isem tal-aġent(i) kumplessanti jew l-abbrevjazzjoni tiegħu (tagħhom)]";

— l-ammont ta' mikronutrijent(i) kelat(i)/kumplessat(i) bħala % skont il-massa;";

(iii) jiddaħħal is-subpunt (ca) li ġej:

"(ca) fejn il-mikronutrijenti dikjarati jkunu kelati b'aġent(i) kelanti, il-firxa tal-pH li tiggarantixxi stabbiltà aċċettabbli;";

(iv) is-subpunt (d) jitħassar;

(d) f'PFC 1(C)(II):

(i) il-punt 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. Il-mikronutrijenti dikjarati fil-fertilizzant inorganiku b'mikronutrijenti għandhom ikunu elenkati skont l-ismijiet tagħhom u s-simboli kimiċi tal-mikronutrijenti dikjarati, fl-ordni li ġejja: boron (B), kobalt (Co), ram (Cu), ħadid (Fe), manganiż (Mn), molibdenu (Mo) u żingu (Zn), segwiti mill-ismijiet tal-kontrojoni tagħhom meta l-mikronutrijenti dikjarati jiżdiedu intenzjonalment.";

(ii) il-punt 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. Fejn il-mikronutrijenti dikjarati jkunu kelati minn aġent(i) kelanti u kull aġent kelanti jkun jista' jiġi identifikat u kwantifikat u jikkela tal-anqas 1 % ta' mikronutrijent solubbli fl-ilma, jew il-mikronutrijenti dikjarati jkunu kumplessati minn aġent(i) kumplessanti, il-kwalifikanti li ġejjin għandhom jiżdiedu, kif ikun applikabbli, wara l-isem u l-identifikatur kimiku tal-mikronutrijent:

— "kelat permezz ta' [isem tal-aġent(i) kelanti jew l-abbrevjazzjoni tiegħu (tagħhom)]"/"kumplessat permezz ta' [isem tal-aġent(i) kumplessanti jew l-abbrevjazzjoni tiegħu (tagħhom)]"/"kelat permezz ta' [isem tal-aġent(i) kelanti jew l-abbrevjazzjoni tiegħu (tagħhom)] u kumplessat permezz ta' [isem tal-aġent(i) kumplessanti jew l-abbrevjazzjoni tiegħu (tagħhom)]",

— l-ammont ta' mikronutrijent(i) kelat(i)/kumplessat(i) bħala % skont il-massa;";

(iii) jiddaħħal il-punt 2a li ġej:

"2a. Fejn il-mikronutrijenti dikjarati jkunu kelati b'aġent(i) kelanti, għandha tiġi indikata l-firxa tal-pH li tiggarantixxi stabbiltà aċċettabbli.";

(iv) jitħassar il-punt 3;

(3) il-Parti III hija emendata kif ġej:

(a) f'PFC 1(C):

(i) l-ewwel tabella hija sostitwita b'dan li ġej:

"**Forom tan-nutrijent dikjarat u parametri dikjarati oħrajn**	**Tolleranza permissibbli għall-kontenut tal-makronutrijenti dikjarat u parametri dikjarati oħrajn**
Forom dikjarati ta' nitroġenu (N)	± 25 % devjazzjoni relattiva tal-valur dikjarat sa massimu ta' 2 punti perċentwali f'termini assoluti
Forom dikjarati ta' pentossidu tal-fosforu (P_2O_5)	± 25 % devjazzjoni relattiva tal-valur dikjarat sa massimu ta' 2 punti perċentwali f'termini assoluti
Forom dikjarati ta' ossidu tal-potassju (K_2O)	± 25 % devjazzjoni relattiva tal-valur dikjarat sa massimu ta' 2 punti perċentwali f'termini assoluti
Forom dikjarati ta' nitroġenu (N), pentossidu tal-fosforu (P2O5) jew ossidu tal-potassju (K2O) f'fertilizzanti binarji	± 1,5 punti perċentwali f'termini assoluti
Forom dikjarati ta' nitroġenu (N), pentossidu tal-fosforu (P2O5) jew ossidu tal-potassju (K2O) f'fertilizzanti terzjarji	± 1,9 punti perċentwali f'termini assoluti

Ossidu tal-manjeżju (MgO), ossidu tal-kalċju (CaO), triossidu tal-kubrit (SO_3) totali u solubbli fl-ilma	- 50 u + 100 % devjazzjoni relattiva tal-kontenut dikjarat ta' dawk in-nutrijenti sa massimu ta' - 2 u + 4 punti perċentwali f'termini assoluti
Ossidu tas-sodju totali u solubbli fl-ilma (Na_2O)	– 25 % tal-kontenut dikjarat sa massimu ta' 0,9 punt perċentwali f'termini assoluti + 50 % tal-kontenut dikjarat sa massimu ta' 1,8 punti perċentwali f'termini assoluti
Granulometrija	± 20 % devjazzjoni relattiva tal-perċentwal dikjarat ta' materjal li jgħaddi minn għarbiel speċifiku
Kwantità	± 1 % devjazzjoni relattiva tal-valur dikjarat"

(ii) it-tieni tabella hija sostitwita b'dan li ġej:

"**Mikronutrijent**	**Tolleranzi permissibbli għall-kontenut dikjarat ta' forom ta' mikronutrijent**
Konċentrazzjoni inqas minn jew daqs 2 %	± 50 % tal-valur dikjarat
Konċentrazzjoni ta' aktar minn 2 % u inqas minn jew daqs 10 %	± 50 % tal-valur dikjarat sa massimu ta' 1,0 punt perċentwali f'termini assoluti
Konċentrazzjoni ta' iktar minn 10 %	± 1,0 punt perċentwali f'termini assoluti"

(b) f'PFC 3, it-tieni ringiela li tistabbilixxi t-tolleranza għall-karbonju organiku hija sostitwita b'dan li ġej:

"Karbonju organiku (C_{org})	± 10 % devjazzjoni relattiva tal-valur dikjarat sa massimu ta' 3,0 punt perċentwali f'termini assoluti"

(c) tiddaħħal it-taqsima li ġejja wara "PFC 5: INIBITUR":

"**PFC 6: BIJOSTIMULANT TAL-PJANTI**

Il-kwantità ta' bijostimulant tal-pjanti tista' tiddevja b'± 5 % mill-valur dikjarat.";

(d) tiddaħħal it-tabella li ġejja fil-bidu ta' PFC 7:

Parametru dikjarat	**Tolleranzi permissibbli għall-parametru dikjarat**
Kwantità	it-tolleranza hija s-somma tal-proporzjon relattiv ta' kull prodott fertilizzanti komponent tal-UE mmultiplikata bit-tolleranza għall-PFC għal dak il-prodott fertilizzanti. Jekk il-proporzjon ta' kull prodott fertilizzanti tal-UE fit-taħlita ta' prodotti fertilizzanti ma jkunx jista' jiġi ddeterminat, it-tolleranza hija dik tal-PFC bl-aktar valur tat-tolleranza għall-kwantità strett.

ANNESS IV

L-Anness IV tar-Regolament 2019/1009/UE huwa emendat kif ġej:

(1) fil-Parti I, il-punt 3.2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"3.2 Il-Modulu B segwit mill-Modulu C jista' jintuża wkoll għal taħlita ta' prodotti fertilizzanti kif speċifikat f'PFC 7.";

(2) il-Parti II hija emendata kif ġej:

(a) fil-punt 2.2 tal-Modulu A:

(i) is-subpunt (g) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(g) ir-riżultati tal-kalkoli magħmula, eżamijiet imwettqa, eċċ.,";

(ii) is-subpunt (j) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(j) meta l-prodott fertilizzanti tal-UE jkun fih total ta' kromu (Cr) ogħla minn 200 mg/kg materja niexfa, informazzjoni dwar il-kwantità massima u s-sors eżatt tal-kromu totali (Cr).";

(b) fil-Modulu A1, is-subpunt 2.2(h) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(h) ir-riżultati tal-kalkoli magħmula, eżamijiet imwettqa, eċċ.,";

(c) fil-punt 2.2 tal-Modulu B:

(i) is-subpunt (g) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(g) ir-riżultati tal-kalkoli magħmula, eżamijiet imwettqa, eċċ.,";

(ii) is-subpunt (k) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(k) meta l-prodott fertilizzanti tal-UE jkun fih total ta' kromu (Cr) ogħla minn 200 mg/kg materja niexfa, informazzjoni dwar il-kwantità massima u s-sors eżatt ta' kromu totali (Cr).";

(d) fil-punt 2.2 tal-Modulu D1:

(i) is-subpunt (g) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(g) ir-riżultati tal-kalkoli magħmula, eżamijiet imwettqa, eċċ.,";

(ii) is-subpunt (k) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(k) meta l-prodott fertilizzanti tal-UE jkun fih total ta' kromu (Cr) ogħla minn 200 mg/kg materja niexfa, informazzjoni dwar il-kwantità massima u s-sors eżatt ta' kromu totali (Cr)."